## XENQET IL-BIERAĦ

"....al travaglio usato
Ciascuno in suo pensier farà ritorno."
(Leopardi)

*Ħarist fi ġnien il-Ħajja sbejħa tagħna*
*W rajt fiha kull ma trid il-qalb, kull żîna...*
*Fittixt, għalxejn, għamajra mnażżgħa, ċkejkna,*
*Bil-kenn għalina.*

*Għarbilt fil-Lum. Fil-għodu w fil-għaxija*
*Stennejt ħerqan tiġili ferħa fqira...*
*'Ma l-ferħ inbidel f'qtigħ il-qalb bla temma*
*U f'dieqa kbira.*

*Stennejt ibexbex l-Għada bl-akbar tama*
*U qalbi mlejt b'xewqat bla tarf qawwija:*
*Mill-ġdid ġab miegħu l-Għada hemm u dwejjaq*
*W sħaba xitwija.*

*Għarbilt! Għarbilt fil-bieraħ t'għodwa ġdida.*
*Bid-dmugħ kiebi tat-tama, f'elf imsieraħ;*
*W minflok is-serħ tal-Lum rajt f'qabar qalbi*
*Xenqet il-Bieraħ.*

14-15.ii.1967

ALFRED DEGABRIELE

## ~~FIL-ĠNEJNA: VARJANT~~

~~*Żaħar u nwar fis-siġar kollha,*~~
~~*April ferra' ferħ u ġmiel –*~~
~~*Fejn kull warda tfur bit-tama:*~~
~~*Qalbi biss taħbat titbiel.*~~

~~*Il-farfett jiżżeffen ħlejju,*~~
~~*kollu logħob ta' lwien fix-xemx;*~~
~~*fl-aħħar siker fl-isbaħ fjura:*~~
~~*biss għalija serħ ma hemmx.*~~

~~*Il-għasfura taf fejn sejra*~~
~~*frieħ ħarkiena jistennewha;*~~
~~*jiena biss beżgħan minn triqti*~~
~~*x'ħin 'il hawn jew 'l hinn niltewa.*~~

~~*X'jiswa li noħroġ fil-ġnejna*~~
~~*li nindokra bl-għaraq tiegħi,*~~
~~*x'jiswa li April bishieli*~~
~~*jekk int għadek m'intix miegħi?*~~

~~9.iv.65~~

~~VANNI SANT~~